# Wisq kotba fuq l-ixkafef

minn Rachelle Deguara

Ħafna mislufa, mixtrijin imma mhux miftuħin
il-ħin kontrina, kollha *gas down* illum għaddejjin
Mill-ewwel ktieb ippublikat
fl-elf erbgħa mija ħamsa u ħamsin
il-ktieb kien u jibqa' importanti matul is-snin
insibu kotba tad-daħq u ankè tar-riċetti
kotba ta' orrur jew bijografiji perfetti.
It-teknoloġija utli għall-informazzjoni
aċċess ta' data faċli u organizzazzjoni.

Kotba jgħinuk iżżomm konverżazzjoni
ikollok iktar għarfien u emanċipazzjoni
il-ktieb fondazzjoni li twasslek għal soluzzjoni
taqra ktieb biex toħroġ mill-aljenazzjoni.

Bibljoteki grotteski
madwar id-dinja imdawrin
kotba għal kull ġenerazzjoni
b'mod utli tuża l-ħin
mhux aħjar minn meta wiċċek
ikun imkaħħal ma' skrin?
il-films ta' Hollywood?
Mill-kotba huma meħudin.

Wisq kotba fuq l-ixkafef,
L-Ixkafef mimlija
daqs kemm inkitbu kotba
għalihom m'hawx biżżejjed ħin.